SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-GVERN LOKALI

PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR LOCAL GOVERNMENT

MALTA

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

Ref. Tagħna DLG/17/2016

# DIRETTIVA NUMRU 1/2017

---

Lill- Presidenti, Viċi Presidenti,
Membri u Segretarji Eżekuttivi
Kumitati Reġjonali

Lis-Sindki, Viċi Sindki, Kunsillieri
u Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

Liċ-*Chairpersons* u Membri
Kumitati Amministrattivi

Mingħand: Id-Direttur (Gvern Lokali)

**Suġġett: Accounting Treatment ta' Assi Fissi (*Non-Current Assets*)**

Data: 20 ta' Jannar 2017

---

## 1. Għan

1.1 Qed jiġu nnutati diversi nuqqasijiet ta' kif jiġu ttrattati l-assi fissi tal-Kunsilli Lokali. Dawn in-nuqqasijiet qegħdin jiġu innutati wkoll mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

1.2 Dan id-Dipartiment għalhekk qiegħed jagħti direttiva lill-Kunsilli Lokali kollha ta' kif għandhom jittrattaw dawn l-assi fil-kotba tagħhom.

1.3 Dan id-Dipartiment huwa konxju tal-fatt illi dan it-tibdil ser jinvolvi ammont sostanzjali ta' xogħol fuq l-*F.A.R* (*Fixed Assets Register*), iżda wieħed għandu japprezza li filwaqt li dan it-tibdil irid isir darba, ħa jservi sabiex jiġi simplifikat it-trattament tal-assi fissi fil-futur, kif ukoll eventwalment, jitnaqqsu l-kwalifiki li jsiru mill-awdituri.

## *2. Government Grants (IAS 20)*

2.1 Dokument ANNEX I mehmuż ma' din id-Direttiva jispjega fid-dettal ta' kif għandhom jiġu trattati l-*Government Grants (IAS 20)* tal-Kunsilli Lokali.

26 TRIQ L-ARĊISQOF, IL-BELT VALLETTA VLT 1443
**t** + 356 2200 2300 **e** info.dlg@gov.mt | www.dlg.gov.mt

## 3. Bilanċi fil-*Fixed Assets Register (F.A.R.)*

3.1 Id-Dokument '*ANNEX I*' mehmuż ma' din id-Direttiva jispjega fid-dettal ta' kif għandu jiġi rranġat il-*F.A.R.*, sabiex ma jibqgħux isiru kwalifiki mill-Awditur fl-aħħar tas-sena finanzjarja. Din id-direzzjoni tapplika biss għal dawk il-Kunsilli Lokali li m'għandhomx *F.A.R.* miżmum kif suppost.

## 4. Tibdil fil-Metodu ta' Diprezzament (*Depreciation*)

4.1 Dokument '*ANNEX I*' mehmuż ma' din id-Direttiva jispjega fid-dettall il-metodu li għandu jintuża biex tiġi kkalkulata d-*depreciation*.

## 5. Dħul fis-Seħħ

5.1 Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2018, imma tinvolvi xi preparamenti li jridu jsiru mat-tmiem tas-sena finanzjarja 2017.

## 6. Azzjoni Meħtieġa

6.1 Dan id-Dipartiment ser jorganizza sessjoni ta' informazzjoni dwar dan it-tibdil fejn dan it-taħriġ ser ikun miftugħ għas-Segretarji Eżekuttivi u l-*Accountants* li jkunu ser jippreparaw ir-Rapporti Finanzjarji tal-aħħar tas-Sena tal-Kunsilli Lokali.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jġib din id-Direttiva għall-attenzjoni tal-Membri kollha tal-Kunsill Lokali, u lill-*Accountant*, u jara illi tiġi dejjem osservata.

**IFFIRMATA**

Adrian Mifsud
Direttur (Gvern Lokali)

Kopji: Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali
Kelliem Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Direttur Ġenerali (Gvern Lokali)
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni